MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1748/2004

**Is-socjeta` GDL Trading and Services Limited
vs
Natalino sive Noel Chetcuti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm1469.55), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' merca konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut fil-hanut tieghu « Euromania », u dan skond il-fatturi enumerati 48534, 48535, 48536, 48894, 49073, 49074, 49075, 49076, 49077 u 49231.**
**Minkejja li l-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi, li huwa cert, likwidu u dovut minnu, huwa baqa' nadempjenti.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm1469.55), bl-imghax legali mill-11 ta' Mejju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------